# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **40** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012 fis-6.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja (daħal għall-laqgħa fis-7.00pm) |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal għall-laqgħa fis-7.05pm)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-7.10pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur John B. Camilleri |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Claudine Fenech |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 39.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Ħatra ta' Skrivan part time fuq bażi ta' mhux aktar minn tlett snin.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

❖ ***Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud mexxa l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.***

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 39(1) tat-23 ta' Awwissu 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mill-laqgħa fl-9.50p.m. Dan il-punt ried jiġi mniżżel f'paġna 10 qabel il-mozzjonijiet.

❖ F'paġna 5 item #3.8, ried jiġi mniżżel *'meter tal-ilma'* mhux *'meter tad-dawl'*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 39(1) tat-23 ta' Awwissu 2012:**

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni rigward item #3.17 f'paġna 7. Is-Sur Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu kien mar fuq is-sit u ra li dan l-*iscreen* qed jintrama bl-enza marbuta mal-istrutturi tal-bandli, b'periklu kbir għal min jidħol ġol bandli u barra minn hekk il-plakka tad-dawl ta' dan l-*iscreen* ġol-ħamrija tidher u mhux qegħda kif suppost, bil-*wires* permanenti mgħoddi minn taħt il-grada. Dan ukoll huwa periklu kemm għat-tfal kif ukoll għal dawk li jidħlu jnaddfu dik il-parti tas-*soft area*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan kollu ma jistax isir. Is-Sur Ciantar qal ukoll li anke hemm stabbiliment ieħor li qed joħroġ l-*screen* barra u ma jafx hux qed jagħmel permess.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li dan l-*iscreen* li tpoġġa ħoloq preċedent u b'hekk ħaddieħor issa se jitħajjar ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli għal dan l-aġir u ma jistax iktar jorbot ma' l–istruttura tal-bandli. F'dak il-każ ipoġġi *screen* iżgħar u barra minn hekk dak il-wire irid jitneħħa minn hemm għax huwa ta' periklu u ssir plakka adattata.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ssekonda l-Kunsillier Lawrence Ciantar.

Il-Kunsill approva unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb ittra lis-sid fejn niġbdulu l-attenzjoni fuq dawn il-punti hawn fuq imsemmija u jekk dan l-aġir jerġa jsir jirtira l-permess.

2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni rigward item #3.18 f'paġna 7. Il-Viċi Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk irċivejniex xi risposta mill-awtoritajiet.

Is-Segretarju wieġeb li rċivejna mingħand il-Pulizija li se jagħmlu aktar ronda f'dawk l-inħawi biex innaqqsu l-abbużi tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb ukoll li huwa kien bagħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, MEPA, l-Onorevoli Jason Azzopardi, kif ukoll lill-Pulizija biex isir l-infurzar u l-Pulizija kien wiegbu li lesti li jieħdu azzjoni bil-preżenza ta' uffiċjali mill-Lands.

Il-Viċi Sindku qal li kollox baqa` l-istess għax anke tfal bil-blalen u r-roti qed ikun hemm basta jkun hemm il-kameras. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawk il-kameras mhumiex *monitored*, imma qegħdin hemm biex jekk jinqala` xi nċident ikun rrikordjat, filwaqt li ngħata l-aċċess kemm lill-Pulizija kif ukoll lid-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nqabdu gwardjani lokali fil-*weekends* biex josservaw dawn l-irregolaritajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-gwardjani m'għandhomx poter li jwaqqfu ċertu aġir bħall-pulizija.

- ***Is-Sindku daħal għall-laqgħa fis-7.00p.m. u ppresida l-laqgħa.***

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu lill-Pulizija u anke lill-Gwardjani Lokali biex fir-ronda tagħhom tal-*weekends* speċjalment filgħaxijiet jagħtu aktar każ tal-bandli, biex innaqqsu mill-abbużi li qed ikun hemm.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għall-laqgħa fis-19.05p.m.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-19.07p.m.***

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni rigward item #7.4 f'paġna 10. Is-Sur Ciantar qal li peress li meta saru l-mozzjonijiet kien diġa ħareġ mill-laqgħa, huwa ta' l-opinjoni li qabel ma naqbdu u naqilgħu dawk is-siġar tat-tip Tamarisk Afrikana minn Triq il-Qaliet nieħdu opinjoni professjonali mingħand Dr. Buhagiar biex naraw nistgħux naqilgħu dawk is-siġar u nagħmlulhom il-ħsara.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Stainless Steel Litter Bins (35/5287/12/I) (35/5296/12/O):</u>**

Is-Sindku qara korrispondenza li kien bagħat is-Sur Joe Attard rigward il-*bins* tal-*istainless steel* u r-reklamar li sar fuqhom. Is-Sur Attard qal li wara li qara l-minuti Nru 35 tat-23 ta' Mejju, 2012 meta l-Kunsill kien ħa d-deċiżjoni li jgħaddi lill-KAP għas-somma ta' €750 ir-reklamar fuq il-*bins* tal-*istainless steel* li għandna madwar il-lokalita`. Irid jiġi klarifikat li dawn il-*bins* huma *leased* minn terzi u mhumiex bl-ebda mod propjeta` tal-Kunsill u b'hekk ma jistax jieħu deċiżjoni l-Kunsill mingħajr ma jġib permess mill-iskema u għalhekk kull użu ta' dawn il-bins irid jitlob l-approvazzjoni tal-Green MT. Barra minn hekk s-Sur Attard qal li oltre l-ftehim eżistenti miktub, spjega li jekk l-iskema tbiegħ reklamar fuq dawn il-bins, allura żewġ terzi tad-dħul huwa tal-iskema, filwaqt li terz huwa tal-Kunsill.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li hu kien talab permess mingħand is-Sur Attard fejn kien qal li minħabba r-reklamar min-naħa tagħhom ma kienx sar, ser jieħu ħsieb il-Kunsill biex immexxi u fil-fatt is-Sindku kien diġa notifikah dwar dan u tah permess.

Is-Sur Attard skuża ruħu jekk huwa kien tah permess verbali u li bi żvista kien nesa.

3.2 **<u>Applikazzjonijiet għal tankijiet tal-gas minn restoranti – (35/5152/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza li rċivejna mingħand l-MRA dwar l-applikazzjonijiet għal tankijiet tal-gas minn restoranti. Is-Segretarju qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien kiteb lill-Lands u lill-MEPA dwar dan fejn il-MEPA rrispondew li għandna nirrikorru għand l-MRA. Wara li bagħatna l-MRA huma kienu rrispondu li l-proċedura għandna timxi hekk. Wara li l-applikant japplika bi proponiment mingħand xi ħadd tekniku fl-LPG Technology, ġeneralment it-talba tiġi milqugħa mill-MRA. Wara l-approvazzjoni mill-MRA, irid iġib l-approvazzjoni mill-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu mar fuq is-sit ta' fejn kellna l-ewwel talba tal-Kunsill u għalih ma kienetx korretta għax il-qis li tagħna li ser tintuża mis-*soft area* kienet iżgħar milli fil-fatt hemm bżonn biex jitpoġġew dawn it-tankijiet.

Is-Sur Ciantar ppropona biex inkellmu Enġineer tekniku biex itina *guide lines* kif għandna nimxu.

Il-Viċi Sindku qal li aħna m'aħniex nies tekniċi biex nieħdu deċiżjoni għal dan ir-rigward u anke l-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ma nistgħux noħorġu permess fuq xi ħaġa li l-Kunsill mhux kompetenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk quddiem l-MRA jiġi ppropunut permess kompetenti, l-MRA se toħroġ permess biex japplika l-MEPA. Is-Segretarju qal li l-Lands ma kienux irrispondew għall-*email* tagħna għax jekk fil-każ li l-Lands tagħti devoluzzjoni ta' l-art, allura imbagħad irridu nistaqsu min se jieħu ħsieb dik il-biċċa *soft area*, jekk hux il-Kunsill jew sid l-istabbiliment. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid ukoll li jassumi li *soft area* tiġi devoluta lil terza persuna, l-Kunsill ma jibqax responsabbli ta' dik is-*soft area* u allura r-responsabilita` fil-każ ta' nċident tkun tat-terza persuna u l-Kunsill ma jkollux x'jaqsam.

3.3 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sinjura Gabriella Scodanibbio (35/5108/12/I):</u>**

Is-Sindku qara *email* mingħand is-Sinjura Scodanibbio fejn talbet rikompens lill-Kunsill għax kienet mixja fuq il-*promenade* u kien hemm ħarira tas-sajd ma' l-art, ma ratiex u waqgħet ġo fiha.

Is-Sindku qal li hu kien irrispondiha li l-Kunsill ma jistax jagħti rikompens għal nuqqas ta' għaġir li sar minn xi sajjied u għanda tagħmel rapport lill-Pulizija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsill se jinforma lill-Pulizija wkoll biex dan ma jibqax iseħħ mis-sajjieda.

3.4 **<u>Avviż tas-Smiegħ għal-Fishfarms (35/5099/12/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-MEPA bagħtet avviż tas-smiegħ fuq il-*fishfarms* għal nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru, 2012 fil-11.00a.m.

Il-Kunsill approva unanimament li nibgħatuha lill-Avukat Owen Bonnici.

3.5 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Martin Else tal-Maltanow (35/5341/12/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċivejna *email* mis-Sur Martin Else tal-Maltanow fejn qed jikteb li se jitpoġġew *newspapers dispenses* madwar il-lokalita` u li għandu l-permess tal-MEPA u tal-Lands biex jagħmel dan.

Il-Kunsill approva unanimament li niffissaw laqgħa mas-Sur Else.

3.6 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sinjuri Montebello fuq l-art ta' madwar Torri San Tumas (35/5479/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal x'kien qed isir dwar il-proġett li kellna tal-ERDF 212. Is-Segretarju qal li wara li ġew solvuti ħafna problemi li kienu nqalgħu madwar it-Torri San Tumas u li s-Supretendent tal-*Cultural Heritage* tagħna l-approvazzjoni biex nibdew ix-xogħol, il-kuntrattutr kompla x-xogħol li kien hemm ippjanat. Ftit jiem wara li nbeda x-xogħol, ġejna avviċinati mis-Sinjuri Montebello fejn qalu li dik l-art ta' madwar it-Torri hija tagħhom b'kuntratt f'idejhom li juri dan. Is-Segretarju Eżekuttiv mar b'dan il-kuntratt għand l-Avukat tal-Kunsill, fejn Dr. Dalli ssuġġerrit li x-xogħol jieqaf minnufih, wara li l-istess Avukat aċċertat ruħha li l-kuntratt kien reġistrat u validu. Il-Kunsill fit-talba tal-permess lill-MEPA kien talab li r-*railing* isir man-naħa ta' ġewwa tat-torri, pero` ġejna mwaqqfa mis-Supretendent tal-*Cultural Heritage* u xogħol kellu jsir ma' barra tad-dawra tat-torri peress li hekk kien inħareġ mill-MEPA

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa oħra mas-Sinjuri Montebello fejn tawna l-permess inwaħħlu r-*railings* mal-ġnub ta' barra tat-Torri, pero` mhux mal-parti ta' wara li tiġi faċċata ta' l-ex Jerma Hotel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba li l-kuntratt ma jistax jonqos b'aktar minn 5% u li se nnaqqsu l-itwal parti ta' 150 metru ħadid, allura l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni x'se jsir.

Is Segretarju Eżekuttiv ssuġġerrixxa li l ħadid li se jitnaqqas minn dik il-parti isir bħala *embellishment* fi Triq ir-Ridott quddiem il-villel, liema proġett kien diġa ppjanat li jsir mil-MTA ftit tas-snin ilu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-fatt huwa kien diġa mar jara mal-Perit tal-Kunsill jekk jistax isir dan, pero` l-ġebla li hemm li jrid jitwaħħal dan il-ħadid fuqha hija tal-franka u mhux possibli isir dan jekk ma ssirx bażi solida. Is-Segretarju nforma wkoll lill-Kunsill li l-art ta' maġenb il-bankina x'aktarx tappertjeni lil ta' San Tumas Developments.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk dik l-art hija privata, allura l-Kunsill m'għandux għalfejn inaddafa. Is-Sindku rrisponda li ma nistgħux ma nagħtux każ ta' dik l-għalqa, għax jekk il-Kunsill ma jnaddafx dik il-parti, mhu se jnaddafa ħadt bħal ma nagħmlu f'diversi postijiet oħra li l-Kunsill mhux suppost inaddaf imma jnaddaf xorta waħda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn issir bażi solida kif diġa spjega qabel, allura irid ikun jaf x'sar b'xogħol s'issa mingħand il-Perit ħa naraw x'varjazzjonijiet għad baqa` biex fil-każ inkomplu għal Triq ir-Ridott.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'se jsir mit-triq ta' quddiem l-ex Jerma u s-Sindku rrisponda li parti minnha nxtrat, pero` wieħed għad irid jara fl-applikazzjoni li trid issir.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jsir xi tip ta' *boundary* mal-quddiem tat-torri għax issa qiegħed perikoluż u dan mhux responsabilita` tal-Kunsill, imma għandna niġbdu l-attenzjoni tas-Sinjur Montebello.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk jibqa` l-fondi mill-proġett tal-ERDF minħabba li r-*railing* ta' quddiem il-Jerma mhuwiex se jsir, jaqblux li nagħmlu l-bażi biex il-quddiem isir ir-*railing* fi Triq ir-Ridott liema proġett kien diġa proġettat li jsir mill-MTA, anke forsi minn xi għajnuna ta' skema.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.7 **Informazzjoni dwar l-iżvilupp f'Ta' Monita (35/5448/12/I):**

Is-Sindku qara *email* mis-Sinjur Reginald Tellus fejn informa lill-Kunsill li x–xogħol tar-*resurfacing* f'Ta' Monita beda fl-10 ta' Settembru, 2012.

3.8 **Korrispondenza mingħand is-Sinjura Liliana Camilleri mill-programm Xarabank (35/5433/12/I):**

Is-Sindku qara l-*email* tas-Sinjura Liliana Camilleri mill-programm Xarabank fejn qed jistiednu lill-Kunsill jipparteċipa għal programm.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jiltaqa` mas-Sinjura Camilleri u f'każ li m'hemmx ħlas għal-parteċipazzjoni, l-Kunsill għandu jipparteċipa.

3.9 ***Bord ta' Evalwazzjoni tat-Tenders :***

1. KLM 2012/03 – Cleaning & Maintenance of Public Convenience in Marsaskala
2. KLM 2012/04 – Bulky Refuse
3. KLM 2012/05 – Maintenance of Traffic Signs & Road Markings
4. KLM 2012/06 – Design & Printing of Council Magazine

Il-Kunsill approva unanimament li s-Sinjur Joe Mercieca u l-Kunsilliera s-Sinjuri John Baptist Camilleri, George Farrugia, Jesmond Mugliett u Charlot Mifsud se jkunu maħtura għal-bord tat-tenders. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jkunu ex-ufficio.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi għandna pagament li mhux imniżżel fil-lista tal-ħlasijiet għax daħal fl-aħħar minuta.

Il-pagament huwa tal-Kumitat Konġunt b'invoice Nru JC-005 datat 11 ta' Settembru, 2012 għall-ammont ta' €315.67. Dawn huma pagamenti għal dawk iċ-ċitazzjonijiet li jiġu proċessati qabel Settembru 2011.

Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha.

5.0 ***Ħatra ta' Skrivan part time fuq bażi ta' mhux aktar minn tlett snin:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal lill-Kunsilliera preżenti x' kien ġara fuq il-proċess li ndaħlu *part-timer.*

Is-Segretarju qal li f'seduta tal-Kunsill kien qablu li jdaħħlu part timer minħabba li kellna żewġ impjegati li ħadu l-*leave* fit-tul. Is-Segretarju Eżekuttiv kien tkellem mas-Sur Adrian Mifsud li huwa l-*head* tal-*Human Resources* fi ħdan id-dipartiment tal-Gvern lokali minħabba li l-kunsill lokali għandu bżonn ingaġġ temporanju fuq kuntratt definit ta' tlett snin. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali kien applika lill-Uffiċċu tal-Prim Ministru permezz ta' ittra fil-11 ta' Ġunju 2012 liema ittra ġiet aċċettata fid-9 ta' Lulju 2012. Sadanittant huwa kien ħadem mas-Sur Adrian Mifsud biex joqogħdu attenti għal kliem li se jitpoġġa bħala rekwiżiti minħabba li dan huwa kuntratt għal tlett snin biss fuq bażi *part time.*

Ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali skond l-istess ittra li ntabgħtet mid-Dipartiment tobbliga lill-Kunsilli Lokali li l-ewwel għandha toħroġ sejħa nterna mal-Kunsilli Lokali kollha liema *email* intbagħtet fis-26 ta' Lulju 2012 u tajna ċans sas-7 t'Awissu 2012. Ħadd ma applika għal din il-pożizzjoni.

Fit-8 t'Awissu 2012 tlabna lid-Dipartiment tal-gvern lokali biex nipproċedu u l-proċedura li jmiss kienet li d-dipartiment jinforma lil ETC liema ETC bagħtet tinforma hija stess lill-kandidati prospettivi li jaqgħu taħt il-kwalifiki neċessarji lill-Kunsill kien qed jitlob ( ċioe' għal skala 15 fuq bażi *part time*). Mill-ewwel lista ta' kandidati ma kien hemm ħadd interessat u l-Kunsill ma rċieva l-ebda CV sad-data stipolata li kienet tagħlaq fid-19 t'Awissu 2012.

Il-Kunsill reġa nforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-ETC u dawn reġgħu bagħtu lista ta' 35 applikant u l-ETC stess bagħtet tinforma lil dawn il-kandidati biex jekk ikunu interessati jibagħtu c-CV tagħhom. B'kollox ircvejna 3 CV's iżda kandidat minnhom qalilna li jista` jaħdem biss wara l-4.00pm u kien hemm kandidat ieħor li wara li għamilna d-data ta' l-*interview* miegħu bagħtilna li ma kienx se jattendi għall-interview. Għaldaqstant kien għad fadal kandidata waħda biss fejn s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-iskrivani Sharon u Lucille għamlu l-*interview* magħha u mill-kwailifiċi u l-esperjenza li għandha din il-persuna ħassew li hija l-persuna idejali għal dan ix-xogħol partikolari.

Dan wara li l-iskrivana Sharon Schembri spjegat fid-dettal ix-xogħol kollu tal-*Customer Care* filwaqt li staqsewa fuq il-kwalifiċi u l-esperjenza tagħha liema esperjenza hija kellha fi ħdan il-Bank HSBC għal bosta snin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ovvjamnet din kienet se tgħaddi waqt is-seduta tal-Kunsill biex ikun hemm d-deċizjoni finali. Is-Segretarju spjega li l-Kunsill ma kienx ħatar bord ta' evalwazzjoni iżda li kieku kien hemm żewġ kandidati jew iktar, l-evalwazzjoni finali dwar l-għażla kella issir mill-kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għala bħala Kunsill ma stajniex noħorġu sejħa pubblika il-gazzetti.

Is-Segretarju eżekuttiv wieġeb li dan ma setax isir, għax il-proċedura tal-Kunsilli Lokali timxi kif spjega hawn fuq u kif ġie rrikomandat mis-Sur Adrian Mifsud li huwa l-*head* tal-*Human Resources.*

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier s-Sinjura Carmen Fearne jiltaqgħu mas-Sinjura Mary Rose Sofia sabiex isirilha t-tieni *interview* u jekk dak l-*interview* jkun jgħodd għalihom inkunu nistgħu nibdew bl-impjieg bħala skrivana ġdida ġewwa l-Kunsill tagħna.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mozzjoni.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se jsir il-Folklore Festival tal-Qala għal din is-sena wkoll. Se jsir fl-20 ta' Settembru ġewwa l-Qala u l-għada fil-21 ta' Settembru tal-Qala ġejjien Marsaskala. Se jkun hemm żewġ *coaches* jistennew fis-2.00p.m. minn ħdejn l-HSBC u min irid jista` jattendi.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għas-17 ta' Ottubru, 2012 fis-6.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku